**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 388/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**MARK GATT**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Mark Gatt ta' 40 sena, iben Edgar u Mary nee' Cassar li twieled ġewwa Pieta' nhar it-23 ta' Novembru 1981, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz 137, Triq il-Kummerc Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' 650781M;

U nakkużawh talli nhar 1-20 ta' Lulju, 2022 ghal ħabta ta' 11:00am u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa Qormi.

1. Ikkaġuna lil ġenituri tiegħu Edgar Gatt u Mary Gatt, biża’ li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħhom.

2. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ġenituri tiegħu Edgar Gatt u Mary Gatt jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil ġenituri tiegħu Edgar Gatt u Mary Gatt jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Mark Gatt a benefiċju tal-vittmi msemmija kif ukoll għall-familjari tagħhom.

Il-Qorti hija ġenitlment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-vittmi msemmija kif ukoll għall-familjari tagħhom u f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat/i għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Rat illi l-imputat waqt l-eżami, filwaqt li ddikjara li ma ghandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bil-proċedura sommarja, wieġeb li mhux ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni;

Rat l-atti kollha ;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan hu każ ta' vjolenża domestika li nibet minn rapport li sar minn Christian Gatt ħu l-imputat, in konnessjoni ma' inċident li seħħ bil-lejl tad-19 ta' Lulju 2022 fil-fond ġewwa 137, Triq il-Kummerċ, Ħal Qormi, wara argoment li fih kien involut ħuh, Mark Gatt. Mir-rapport tal-okkorrenza[2] jirriżulta illi Christian Gatt ġie akkumpanjat lura d-dar minn xi uffiċjali tal-Pulizija, fejn hemmhekk ġie mitkellem l-istess Mark Gatt. Dak il-ħin inqala' inċident ma' missier l-imputat, Edgar Gatt fejn l-imputat allegatament beda jhedded lil missieru fosthom li ser jagħmillu l-ħsara.

L-għada 20 ta' Lulju 2022, Edgar Gatt irrapporta lill-Pulizija illi ibnu Mark Gatt kien qed jheddu bil-kliem "*jien noqtlok, jien noqtlok*" kif ukoll li kien għamel ħafna tkissir ġod-dar tiegħu u din il-problema ilha għaddejja madwar għaxar snin, kemm ibnu ilu

[1] Fol. 3.
[2] Dok. EH4, fol. 7 *et seq*.

jabbuza mid-droga.  Ommu Mary Gatt meta ġiet mitkellma, irrapportat ukoll illi l-imputat qal lil missieru li ser joqtlu.

Meta xehed quddiem il-Qorti, Edgar Gatt, missier l-imputat, iddikjara[3] li ma riedx jixhed dwar ir-rapport li għamel fil-konfront ta' ibnu u ddikjara li fehem ukoll l-effett ta' din id-deċiżjoni tiegħu jista' jkollu fuq l-eżitu tal-proċeduri odjerni.  Il-Qorti in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 633(2) tal-Kap. 9 u fiċ-ċirkostanzi, iddeċidiet li ma ġġiegħelx lil Edgar Gatt jixhed.

Hawnhekk il-Qori tosserva illi Edgar Gatt imkien ma qal li huwa jaħfer lil ibnu l-imputat, jew li jixtieq jirtira r-rapport li huwa għamel u bl-ebda mod ma ddikjara li jixtieq iwaqqaf dawn il-proċeduri in kwantu dawn ġew istitwiti fuq ir-rapport li huwa għamel.  Huwa minnu li l-Uffiċjal Prosekutur, meta fisser lix-xhud dak li jista' jiġri b'effett tax-xewqa tiegħu li ma jixhidx kontra ibnu, qallu li l-Qorti ma tistax tirravviva r-rapport li kien għamel fil-konfront ta' ibnu, iżda dan la mhu kliem ix-xhud u lanqas bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jikkostitwixxi, fil-fehma tal-Qorti, dikjarazzjoni jew talba mill-vittma ta' vjolenza domestika taħt l-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9 għall-waqfien tal-proċeduri.  Il-Qorti tagħmilha ċar li għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni legali, hija teħtieġ talba espressa jew dikjarazzjoni inekwivoka tal-vittma, konfermata bil-ġurament quddiem il-Qorti, li ma jħallu l-ebda dubju li l-intenzjoni tagħha hija sewwasew il-waqfien tal-proċeduri in kwantu dawk ir-reati li jitnisslu mill-fatt tal-vjolenza domestika kif imfissra fil-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.  Dan kollu qed jingħad mingħajr qies tal-fatt li l-Qorti m'hijiex konvinta li Edgar Gatt, filwaqt li ma wera li ma jridx jixhed kontra ibnu, ried effettivament iwaqqaf il-proċeduri.

Mary Gatt omm l-imputat ikkonfermat fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti illi binha m'għamel xejn u qalet li għalkemm huwa minnu li huwa hedded lil missieru li ser

[3] 3 ta' Awwissu 2022.

joqtlu[4] u żewġha beża' li ibnu sejjer joqtlu, hi insistiet li ibnu ma kienx sejjer joqtlu u aġixxa b'dan il-mod għaliex "*hekk tagħmillu d-droga*". Filwaqt li affermat ukoll li binha ġieli qal lil missieru li ser joqtlu, ma setgħetx tiftakar meta kienet l-aħħar darba li qallu hekk. Mary Gatt xehdet ukoll li hija taħfer lil binha u tridu lura d-dar magħha.

Fil-fatt, l-istess PS 1458 Malcolm Fenech meta xehed quddiem il-Qorti[5] kkonferma illi meta daħal fir-residenza, Edgar Gatt qal li kien qed jiġi msawwat minn ibnu l-imputat iżda hu ma ra l-ebda sinjal ta' ġrieħi fuq il-persuna tiegħu. Xehed ukoll li l-imputat u missieru kienu qed joffendu lil xulxin u kienu ser jiġu fl-idejn iżda l-Qorti mill-filmat ikkostatat illi kien biss l-imputat li effettivament ħebb għal missieru u fl-ebda ħin ma rat lil Edgar Gatt iħebb għal ibnu. Fi kwalsiasi każ li-imputat quddiemha, mixli bir-reati addebtati fit-tliet imputazzjonijiet fiċ-Ċitazzjoni, huwa Mark Gatt u mhux missieru Edgar Gatt.

PS 827 Edward Grech xehed[6] illi meta iktar tard fl-20 ta' Lulju 2022 huwa mar fl-indirizz 137, Triq il-Kummerċ, Ħal Qorti fuq rapport ta' inċident ieħor ġewwa din ir-residenza, innota li kien hemm tifrik u tkissir kullimkien fid-dar. Hu għajjat lill-imputat u hu niżel waħdu minn fuq, fejn ġie arrestat.

Il-Qorti rat il-filmat li nġibed permezz tal-*body cam* li kien liebes PS 1458 Malcolm Fenech meta hu flimkien ma' diversi uffiċjali oħra tal-Pulizija, daħal fir-residenza ġewwa 137, Triq il-Kummerċ, Ħal Qormi, wara li ssejħu fuq il-post minn ħu l-imputat Christian Gatt fis-sigħat bikrin sbieħ l-20 ta' Lulju 2022, u setgħet tikkostata b'għajnejha l-agir u imġieba aggressiva tal-imputat dakinhar. Dak il-ħin l-imputat ġie mgħarraf mill-Pulizija li missieru ma jridux jibqa' jgħix ġo daru u missieru jinsema' fil-filmat jgħid lill-imputat "*aqbeż 'il barra*", għal liema kliem l-imputat beda jidgħi u lil missieru rrefera għaliha bħala "*dak il-l****" fost kliem ħażin ieħor li jinsema' jgħid.

---

[4] Ara fol. 32 u 33.

[5] Xhieda tad-29 ta' Awwissu 2022.

[6] Xhieda tat-12 ta' Settembru 2022.

Ftit minuti wara, l-imputat jidher iħebb fiżikament għal missieru u jidher ukoll jimbottah, tant illi kellhom irażżnuh l-uffiċjali tal-Pulizijal li kienu preżenti dak il-ħin.

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi, il-Qorti fehmet illi kien hemm żewġ episodji distinti li seħħew bejn id-19 ta' Lulju 2022 u l-20 ta' Lulju 2020. Episodju wieħed li mill-provi jirriżulta li seħħ fil-għaxija tad-19 ta' Lulju 2022 fejn allegatament l-imputat hedded lil missieru li ser joqtlu u li wassal lil Christian Gatt biex imur l-Għassa tal-Pulizija biex jitlob għall-assistenza; u episodju ieħor li seħħ meta l-Pulizija, kif irċevew ir-rapport ta' Christian Gatt, waslu fuq il-post flimkien mal-istess Christian Gatt fis-sigħat bikrin tal-20 ta' Lulju 2022, fejn l-imputat ħebb għal missieru.

Minnufih il-Qorti teskludi li l-imputat jista' jinstab ħati tar-reat addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni, taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, in kwantu kkaġuna biża' f'ommu Mary Gatt li sejjer juża vjolenza fil-konfront tagħha.

Kif inhuwa ben risaput, għall-fini ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, apparti l-element tal-imġieba ripetuta, ossia *a course of conduct* da parti tal-persuna akkużata, jeħtieġ li jiġi ppruvat li din l-imġieba effettivament qanqlet biża' jew ħolqot allarm fis-soġġett passiv tar-reat. Għalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soġġettiva, din tista' tigi deżunta wkoll oġġettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Black's Law Dictionary[7] jiddeskrivi hekk dan l-istat soġġettiv:-

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose."*

[7] (7th. edit.) – ċitat fis-sentenza **Pulizija vs James Demanuele** deċiża 26 ta' Novembru 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Fil-fatt, l-Artikolu 251C jipprovdi illi "*Fl-artikoli 251A sa 251BA, it-tnejn inklużi, riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna*."

Il-Qorti għalhekk trid tkun moralment konvinta mhux biss dwar l-eżistenza tal-element soġġettiv ta' biża' fil-vittma, ċioe' li l-vittma effettivament beżgħet għas-sigurta` personali u inkolumita` fizika tagħha minħabba din l-imġieba tal-imputat, iżda wkoll li din il-biża' ġiet imqanqla ripetutament u ċioe' f'iktar minn okkażjoni waħda.

Hu evidenti li Mary Gatt ma tibżax minn binha Mark Gatt u mix-xhieda tagħha ma jirriżultax li kien hemm xi mument waqt l-inċident li seħħ fid-19 ta' Lulju 2022 filgħaxija, fejn hi beżgħet minnu. Kemm hu hekk, għalkemm stqarret li tabilħaqq l-imputat hedded lil missieru li ser joqtlu waqt l-argoment li seħħ fid-19 ta' Lulju 2022, hi taf li binha ma kienx ser jasal biex jagħmel dan u kkonfermat li huwa jaġixxi b'dan il-mod meta jkun taħt l-effett tad-droga. Il-Qorti osservat ukoll illi fuq il-pedana tax-xhieda, ix-xhud kienet ukoll ferm emozzjonata bil-prospett li binha jista' ma jiġix lura d-dar għaliex jispiċċa jintbagħat il-ħabs u qalet ukoll illi f'kull każ hija taħfirlu.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 in kwantu l-allegat biża' ġiet ikkaġunata lil ommu Mary Gatt.

Kif appena stabbilit, Mary Gatt xehdet illi żewġha Edgar Gatt beża' meta l-imputat qallu li ser joqtlu. Iżda fl-istess waqt Edgar Gatt wera x-xewqa quddiem il-Qorti li ma jixhidx kontra ibnu u fiċ-ċirkostanzi fejn dan ix-xhud deher emozzjonat ħafna, il-Qorti ma ġiegħlitux hekk jixhed. Għalhekk fin-nuqqas tax-xhieda diretta u kwindi l-affermazzjoni soġġettiva tal-allegat vittma li l-azzjonijiet jew kliem tal-imputat qanqlu fih sensazzjoni ta' biża', ansjeta' jew allarm, ma tistax tqis li huwa ppruvat konklussivament u lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi l-imputat effettivament ikkaġuna biża' f'missieru li ser juża vjolenza fil-konfront tiegħu f'dik il-parti tal-inċident li seħħet qabel il-Pulizija waslu fuq il-post biex joffru l-assistenza tagħhom.

*Multo magis* meta Mary Gatt affermat il-konvinzjoni assoluta tagħha li binha qal dan il-kliem biss għaliex kien taħt l-effett tad-droga u li d-droga dejjem "*tagħmillu hekk*" u meta wkoll Christian Gatt, ħu l-imputat, qal li ma kienx preżenti meta effettivament seħħ l-argoment innifsu.

Iżda anke jekk għal mument il-Qorti kellha taċċetta illi waħedha x-xhieda ta' Mary Gatt tiswa bħala prova suffiċjenti, fil-grad meħtieġ mil-liġi, li l-imputat meta hedded lil missieru li ser joqtlu, qanqal fih biża' soġġettiva li ser juża vjolenza fil-konfront tiegħu, kif inhuwa risaput, għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 il-Prosekuzzjoni kellha tressaq ukoll prova li l-imputat aġixxa b'mod li kkaġuna biża' ta' vjolenza fis-soġġett passiv tar-reat, b'imġieba ripetuta ċioe' f'iktar minn okkażjoni waħda.

Mill-ġurisprudenza paċifika tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq ir-reat ta' fastidju u ta' biża' ta' vjolenza kif maħsub fl-Artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9, trid tkun "*a course of conduct*" riskontrabbli fil-parametri ta' żmien u lok imsemmija fl-akkuża u mhux incident wieħed u iżolat. Dan hu deżumibbli wkoll mill-użu speċifiku tal-kelma "*imgieba*" fl-Artikolu 251B kif ukoll mill-kliem: "… *lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*".

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk in propositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant.* ***Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di***

***piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).'***'[8] [emfasi ta' din il-Qorti]

Quddiem il-Qorti il-Prosekuzzjoni tassew ressqet prova li seħħ episodju ieħor fil-parametri temporali imsemmija fiċ-Ċitazzjoni, bejn l-imputat u missieru, liema inċident seħħ meta l-Pulizija ssejħu fuq il-post fis-sigħat bikrin ta' filgħodu tal-20 ta' Lulju 2022 wara li sar ir-rapport minn Christian Gatt, liema inċident ġie preservat fil-filmat tal-*body cam* Dok. EH1.

Madanakollu, għalkemm huwa minnu li dan il-filmat juri lill-imputat iħebb għal missieru u jinsulentah, Edgar Gatt ma xehedx biex ifisser lill-Qorti l-biża' li qanqal fih il-kliem jew l-imġieba ta' ibnu manifestati fil-konfront tiegħu dak il-ħin u l-Qorti f'kull każ ma tistax twarrab il-fatt illi dak il-ħin l-istess Edgar Gatt mhux biss kien qed joffendi lil ibnu u jipprova ikeċċih minn ġo daru, iżda kien hemm ukoll numru ta' uffiċjali tal-Pulizija li kienu preżenti fl-istess kamra, fatt oġġettiv li jimmilita kontra t-tqanqil effettiv ta' biża' li l-imputat ser juża vjolenza kontrih.

Dan kollu magħdud għall-Qorti jfisser li ma tistax tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 fil-konfront ta' missieru Edgar Gatt u konsegwentement, sejra tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fit-tieni imputazzjoni l-imputat qed jiġi addebitat ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 ċioe' li ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi. Minn dak li ġie osservat mill-Qorti nnifisha fuq il-filmat Dok. EH1, fejn l-imputat jidher iħebb għal missieru u jiġi mrażżan mill-Pulizija li kienu fuq il-post, il-ħtija tal-imputat għal dan ir-reat hija indiskussa.

---

[8] Deciza 24.4.2009.

Imbagħad l-imputat ġie mixli li għamel inġurji jew theddid lill-ġenituri tiegħu. Hawnhekk il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Mary Gatt li affermat bla tlaqliq li l-imputat hedded lil missieru li ser joqtlu, hija biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għal dan ir-reat kontravvenzjonali u dan irrispettivament mill-fatt li ma jirriżultax konklussivament mill-provi li l-imputat kien qed iżomm sikkina meta hedded lil missieru. B'żieda ma' dan, il-Qorti, wara li rat il-filmat u semgħet lill-imputat jinġurja lil missieru bil-kliem riprodott iktar qabel f'din is-sentenza, tqis li t-tielet imputazzjoni tirriżulta u l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena filwaqt li huwa minnu li l-imputat għandu kondotta penali netta u sejjer jinstab ħati biss ta' żewġ reati kontravvenzjonali, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-imputat għandu problema serja ħafna ta' dipendenza fuq id-droga u fehmet li din id-dipendenza qiegħda tiddisturba s-serenita' fir-residenza tal-familja Gatt u qiegħda twassal għal diżgwid li jista' jkollu konsegwenzi gravi. Indubbjament l-imputat għandu bżonn jingħata għajnuna immedjata biex jindirizza u jegħleb il-vizzju tad-droga li huwa evidentement l-kaġun tal-imġieba vjolenti tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis li għandha tagħti lill-imputat opportunita' li jagħraf il-ħtieġa biex jirriforma ruħu u jżomm 'il bogħod minn imġieba u vizzji li jwasslu għall-kriminalita' u dan billi jingħata għajnuna professjonali kif ukoll gwida strutturata f'ħajtu li huma indispensabbli biex jirnexxielu jirrijabilita ruħu u jaqbad it-triq it-tajba qabel ma jkun tard wisq.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħatja minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għaż-

żmien massimu li tippermetti l-liġi kif ukoll Ordni ta' Trattament imfassal speċifikatament sabiex il-ħati jegħleb il-vizzju tad-droga.

Fl-Ordni ta' Probation il-Qorti sejra tordna lill-Uffiċjal tal-Probation sabiex jirrapporta dwar l-andament tal-ħati darba kull tliet xhur u sabiex jieħu kampjuni u jagħmel testijiet lill-ħati għall-għarrieda għall-presenza tad-droga u dan sabiex jiġi stabbilit jekk l-ħati huwiex qed jagħraf jużufruwixxi ruħu minn din l-opportunita' li qed tingħata lilu u sabiex fin-nuqqas, jittieħdu l-miżuri opportuni taħt l-Att dwar il-Probation (Kap. 446).

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikolu 339(1)(d) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil MARK GATT ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet in kwantu dawn ġew kommessi fil-konfront ta' Edgar Gatt biss, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn (2) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk hu jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tagħha li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' Probation.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati MARK GATT sabiex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan għal perijodu ta' sentejn (2) snin, taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex ma jdejjaqx u ma jimmolestax lil Edgar Gatt u dan taħt penali ta' elf Euro (€1,000), għal żmien tnax-il xahar mil-lum.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**